Minuti tal-Laqgħa Nru. 28 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ħamis, 7 t' Awwissu 2014 fil-5.30 p.m.

| **Preżenti:** | il-Membri |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sinjorina. Christina Sammut |
| Skużat | Is-Sur. Christian Falzon |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Tenders GAL Xlokk Miżura 413 A5
5. Mawra għall Sqallija
6. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
7. Aġġornament

Kunsill Lokali – LUQA – Local Council
49, Triq San Pawl
Luqa

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvati.

## 2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku qal li l-ewwel fażi tal-Proġett tal-Family Park issa kważi lesta għal kollox u kulma jonqos huma xi affarijiet żgħar bħal connection tad-dawl u xi affarijiet bħal bins biex jitwaħħlu.

3.2 Fuq it-tieni fażi is-Sindku qal li huwa kien attenda laqgħa relatatta mat-turiżmu li kienet organiżżata mill-Kunsill għall Konsultazzjoni tan-Nofsinhar ta Malta. Matul din il-laqgħa issemma kemm il-parti tan-Nofsinhar hija affettwata ħażin mit-turiżmu. Is-Sindku ħareġ bl-idea li jkun hemm pool fil-parti li għadha ma ġietx żvillupata fil-Family Park biex jattira aktar turisti. Huwa qal li din l-idea hija oriġinali billa m' hawnx postijiet li joffru pool fuq barra u f' ambjent simili. Is-Sindku qal li proġett simili jista jattira investiment minn barra u jħajjar persuni biex jidħlu għal dan l-investiment. Is-Sindku qal li fuq din il-proposta se jkollu laqgħa mal-Perit Cordina sabiex jiddiskuti aktar fid-dettal.

3.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk il-fondi tal-Unjoni Ewropea servewx biss għall parti li diġa saret. Is-Sindku irrisponda li se jibqa xi fondi minhom li se jintużaw għall parti li għadha ma ġietx żvillupata. Huwa qal li kif il-Perita tlesti ċ-ċertifikazzjoni kollha huwa stess se jkun qed jagħti rendikont ta kemm swiet il-fażi li diġa saret.

3.4 Il-Kunsillier Caruana tkellem fuq il-problema li hemm tal-istreet lighting għal Triq Ħal Farruġ. Huwa qal li kien avviċinaħ is-Sur. Andrew Bartolo fuq il-problema. Is-Sindku irrisponda li s-Sur. Bartolo kien diġa kellmu huwa qabel ma kellem lill-Kunsillier Caruana. Is-Sindku qal li huwa spjegalu fuq id-diversi laqgħat li kienu saru mal-Ministeru konċernat imma imbagħad ma kien sar xejn. Is-Sindku informa li s-Sur. Bartolo kien arroganti fl-aġir tiegħu u ma spjegax ruħu lill-Kunsillier Caruana fuq kollox. Is-Sindku semma li fuq din il-kwistjoni kienet saret laqgħa fuq il-post mal-foreman tal-Enemalta sabiex forsi tinstab soluzzjoni. Is-Sindku qal li s-Segretarju jista jagħti rendikont anki tal-emails li kienu intbaħtu fuq il-każ.

3.5 Il-Kunsillier Caruana saqsa meta huma beħsiebhom isiru l-bankijiet u l-istreet furniture li kellhom isiru f' Misraħ il-Parroċċa. Is-Sindku qal li bħalissa l-flus se jkunu użati fuq items oħra li huma t' aktar prijorita fil-lokalita.

3.6 Il-Kunsillier Caruana saqsa fejn hemm Triq Ġorġ Zahra jistax jittella ħajt quddiem l-għalqa li hemm li bħalissa tinsab mingħajr ħajt. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jistax jagħmel dawn l-ispejjeż għax dan ix-xogħol ma jistax isir mill-Kunsill. Huwa qal li

kien hawn bnadi oħra ġewwa Ħal Luqa fejn ma kellhomx ħajt u s-sidien ġew mitluba li jtellgħu l-ħajt huma kif suppost bil-liġi.

3.7 Il-Kunsillier semma li ġie avviċinat minn naħa tal-Każin tal-Unjoni fejn qallu li kien hemm parti mill-ħajt tas-sejjieħ li hemm fit-triq li tagħti għall kamra tan-nar li waqa. Huma qed jitolbu lil-Kunsill sabiex dan jerġa jittella. Is-Sindku qal li jekk da jinsab mal-ġenb tat-triq allura jista jittella biex ikun hemm siġurta għal minn juża t-triq.

3.8 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn li jkun hemm tabella biex in-nies ma jħammġux fejn hemm Triq San Ġużepp kantuniera mal-Isqaq. Is-Sindku qal li fuq il-kwistjoni tal-iskart huwa se jitkellem aktar il-quddiem.

3.9 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk kienx wasal il-permess fuq il-Bandli ta Misraħ iż-Żgħażagħ. Is-Sindku qal li d-disinji tal-Bandli qegħdin għand is-Segretarju Eżekuttiv u kif jaslu l-permessi huwa jinforma l-Kunsill bihom.

3.10 Il-Kunsillier Camilleri qal li kien hemm problema din is-sena waqt il-festa billi tal-Phoenicia Bar ħareġ l-imwejjed il-barra ħafna fit-Triq u aktar milli suppost. Is-Sindku qal li kien hemm l-istess problema minn naħa tal-Każini billi dawn tnat ħarġu imwejjed li spiċċaw għalqu t-toroq. Huwa qal li din is-sena xorta waħda kienet saret laqgħa mal-Pulizija tal-lokal biex ikunu ikkordinati dawn l-affarijiet minn qabel u l-Pulizija kienu infurmati bil-permessi ta dawn. F dan il-każ hija l-Pulizija li trid tieħu l-miżuri sabiex ir-regolamenti tal-Kunsill ikunu osservati.

3.11 Is-Sindku qal li għas sena d-dieħla l-permessi se jinħarġu li jkun hemm mejda waħda ma ġenb wieħed u jitħalla l-passaġġ liberu kemm jista jkun.

3.12 Il-Kunsillier Camilleri saqsa kif meta kien inawgurat il-Family Park taĦal Farruġ ma kienx mistieden l-Onor. Roderick Galdes. Is-Sindku għamel osservazzjoni lill-Kunsillier Camilleri li din ma kinitx inawgurazzjoni imma saret vista fuq il-post minn naħa tal-Onor. Dr. Stefan Buontempo u l-Onor. Dr. Ian Borg. L-Onor. Dr. Stefan Buontempo talab huwa stess li jiġi jara x-xogħol li kien qed isir fuq dan il-proġett. Peress li dan il-proġett kien qed isir minn flus tal-Unjoni Ewropeja kien hemm anki l-Onor. Dr. Ian Borg li talab li jkun preżenti waqt din iż-żjara billi dan huwa tad-dekasteru tiegħu.

3.13 Is-Sindku qal li meta se tkun qed isir l-inawgurazzjoni se tkun qed isir mill-Prim Ministru, Dr. Joseph Muscat u jkun hemm mistednin l-Membri Parlamentari u Deputati tad-Distrett.

3.14 Il-Kunsillier Camilleri saqsa fiex kien wasal id-Daycentre. Is-Sindku qal li kienet għadha kif saret laqgħa ma minn kien se jagħmel il-madum fuq il-post. Huwa qal li issa kien wasal biex isir il-madum.

3.15 Il-Kunsillier Camilleri saqsa kemm kien ġie jiswa s' issa x-xogħol. Is-Sindku qal li kif dan ikun lest u ċċertifikat mill-Perit se jkun qed jingħata rendikont.

3.16 Is-Segretarju ta spjegazzjoni tar-rendikont tad-dħul li kellu l-Kunsill għax xahar ta Ġunju u Lulju. Huwa qal li dan ix-xahar id-dħul kien għoli billi kien hemm rimbors fuq il-ħsara li kienet saret fuq is-salib taċ-ċimiterju ta Triq Valletta, kien hemm il-permessi tal-gabbani u nbiegħu xi tenders.

3.17 Is-Sindku tkellem fuq il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart. Huwa qal li dan kien unħariġlu default notice u kien bagħat għalih. Huwa infurmah li ġewwa Ħal Luqa in-nies stess huma kontra l-mod ta kif huwa qed jagħti s-servizz tiegħu u kien ikun aħjar għalih li jittermina l-kuntratt tiegħu biex jevita aktar riperkussjonijiet li kien se jkollu minħabba l-mod ta kif kien qed joffri s-servizz tiegħu. Huwa għalhekk bagħat ittra li kien se jittermina l-kuntratt tiegħu sal-aħħar ta Awwissu. Is-Sindku hawnhekk qara l-ittra li kien bagħat il-kuntrattur stess.

3.18 Is-Sindku qal li dan suppost kellu sa sena oħra jagħti servizz ġewwa Ħal Luqa. Huwa qara r-rapport li kien sar minn naħa tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni ta meta kien intgħażel dasn il-kuntrattur fejn kien hemm stipulat li jekk il-kuntrattur magħżul ma jaċċettax l-inkarigu tiegħu jew inkella jieqaf qabel mit-terminu tiegħu jieħu postu l-kuntrattur li kien jaħdem bih il-Kunsill qabel jiġifieri Northern Cleaning.

3.19 Is-Sindku qal għalhekk li huwa kien se jiltaqa mal-kuntrattur tan-Northern Cleaning biex jara jekk huwa hux se jkun qed jaċċetta li f' Settembru jibda jiġbor l-iskart minn Ħal Luqa. Huwa qal li jekk dan ma jaċċettax jerġa jinħareġ it-tender.

3.20 Is-Sindku qal li kienet waslet email minn Mildenhall fejn dawn talbuna biex niltaqgħu magħhom u tkun diskussa l-possibilta li jkun hemm twinning magħhom. Huwa semma li se tkun qed tiġi Malta delegazzjoni minn din il-lokalita fl Ingilterra komposta minn membri tal-Kunsill fejn qed jitolbuna niltaqgħu magħhom.

3.21 Is-Sindku qal li fuq l-attivita kulturali li ttellgħet issa l-Kunsill Lokali jingħata rimbors fuq il-flus li ħareġ. Is-Sindku ippropona li €800 jingħataw lill-Skene tal-attivita u €200 jingħataw lill Youth Centre. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta.

## 4.0 TENDERS GAL XLOKK MIŻURA 413.A5 U SOFT AREAS

4.1 Is-Sindku semma li kienu inħarġu żewġ tenders li kienu wieħed tal-embellishment għal Triq Patri Indri Schembri fejn intefgħet offerta waħda li kienet dik ta Polidano. Is-Sindku semma li la kien hemm offerta waħda biss allura ma kienx hemm għażla. Il-Kunsill qabel li dan it-tender jingħata lill Polidano.

4.2 Is-Sindku semma li kien hemm tender ieħor li kien dak tas-soft areas fejn kien hemm ħames offerti. Huwa qara il-ħames offerti u l-prezzijiet marbuta magħhom. Is-Sindku qal li wieħed a jistax joqgħod fuq il-prezzijiet biss imma jrid jevalwa dan it-tender tajjeb. Huwa qal li fuq dan it-tender se tkun qed issir evalwazzjoni qabel u l-Kunsill se jkun qed jiddiskuti fuq dik l-evalwazzjoni.

## 5.0 MAWRA GĦALL SQALLIJA

5.1 Is-Sindku tkellem fuq il-mawra ta Sqallija fejn qal li din inġiebet bi prezz tajjeb ħafna. Huwa semma Kunsilli oħra li qed jorganiżżaw ġita simili imma bi prezz għoli. Huwa qara l-programm li kien se jkun qed jikkonsisti fi żjara fi suq ta Catania, ikla f' agrituriżmu, żjara l-Auchan u lura Malta. Huwa ħeġġeġ lill dawk il-Kunsilliera li kienu se jattendu għal din il-mawra sabiex jagħtu l-għajnuna tagħhom man-nies.

**6.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET**

6.1 Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-iskeda tal-pagamenti.

**7.0 AĠĠORNAMENT**

Ma kienx hemm items oħra fuq l-aġenda li kellhom jiġu diskussi, għalhekk din ġiet eżawrita. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar Il-Ħamis 7 ta' Awwissu 2014 fis-6.45 pm. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________ 2014.

______________________ ______________________

John Schembri
Sindku

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv